

# Rakkomandazzjoniji et għal sigurtà aħjar għal elektrixins fl-Ewropa

Edited by
Valentina Chanina

Proġett: Safety4El
Sigurta` aħjar għall-.-elektrixins

# Werrej

*Dwar il-Proġett Safety4El* ........ 2
Għanijiet ........ 3
*SAFETY4EL: X'instab speċifikament f'kull pajjiż* ........ 3
DENIMARKA: ........ 3
MALTA: ........ 3
SPANJA: ........ 3
RENJU UNIT: ........ 4
ĊIPRU: ........ 4
*Rakkomandazzjonijiet u Konkluzjonijiet* ........ 4
*Referenzi* ........ 6



The European Commission support for the production of this publication does not constitute an endorsement of the contents which reflects the views only of the authors, and the Commission cannot be held responsible for any use which may be made of the information contained therein.

## Dwar il-Proġett Safety4El

Il-proġett Sigurtà Aħjar għall-Elektrixins (Improved Safety for Electricians jew Safety4El) huwa ispirat minn statistika relatata ma' kwistjonijiet ta' saħħa u sigurtà Ewropej ewlenin. In-numru ta' aċċidenti relatati max-xogħol fl-Unjoni Ewropea jvarjaw ħafna, pereżempju skont ir-rati standardizzati ta' inċidenza ta' korrimenti fatali waqt ix-xogħol, esklużi aċċidenti tat-traffiku u aċċidenti fuq vetturi fuq il-post tax-xogħol għall-2012 (Eurostat, ESAW, 2012[1]). Id-Danimarka hi mal-medja fl-Unjoni Ewropea, imma xorta d-doppju tal-kwantità tar-Renju Unit. Figuri simili nsibuhom Spanja, Ċipru u Malta.

Id-Danimarka, iċ-Ċentru ta' Riċerka Nazzjonali għall-Ambjent tax-Xogħol bagħat kwestjonarju lil 50,000 ħaddiem impjegat u rċieva 27,000 tweġiba (March 2014) li wrew li l-elektrixins, meta mqabbla ma' gruppi ta' ħaddiema oħra, huma involuti f'aktar mill-medja tan-numru ta' aċċidenti u jbatu minn aktar mill-medja tal-istrapazz fiżiku, bħal xogħol għarkopptejhom jew kokka 61.19% meta mqabbel mal-medja għall-gruppi kollha ta' 17.2%, irfigħ jew ġarr għal aktar minn kwart tal-ħin tax-xogħol 56.57% meta mqabbel mal-medja tal-gruppi kollha ta' 30.68%, u xogħol bid-dirgħajn mefugħin 51.43% meta mqabbel mal-medja għall-gruppi ta' 18.33%.

Regolamenti differenti joħolqu wkoll xkiel għall-mobilità. Il-proġett Sigurtà Aħjar għall-Elektrixins fittex li jneħħi dan l-ixkiel billi jiżviluppa moduli ta' taħriġ u, bi sħab ma' organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u junjins, fittex li jinfluwenza lil dawk li jfasslu l-politka biex jaħdmu favur li jkun hemm ċertifikat Ewropew rikonoxxut.

Minħabba li diffikultà b'lingwi barranin hi problema mill-aktar li tolqot lil żgħażagħ Ewropew li jaħsbuha jaħdmux jew jistudjaw barra, il-kontenut tal-moduli tal-kors kien ppreparat biex ikun jista' jintuża bħala parti minn Content and Languages Integrated Learning (CLIL)[2]. L-iscaffolding tal-CLIL hu prinċipalment ibbażat fuq junits onlajn bil-kliem kollu llinkjat ma' dizzjunarji f'118-il lingwa – dan se jgħin lin-nies tas-sengħa u apprendisti għal mobilità.

[1] https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-statistical-working-papers/-/KS-RA-12-002?inheritRedirect=true



The European Commission support for the production of this publication does not constitute an endorsement of the contents which reflects the views only of the authors, and the Commission cannot be held responsible for any use which may be made of the information contained therein.

***Għanijiet***

L-għanijiet tas-Sigurtà Aħjar għall-Elektrixins jitolbu għal ħarsa trans-Ewropea biex jiżguraw il-ħtieġa u d-dokumentazzjoni tad-differenzi bejn ir-regolamenti elettromekkaniċi fil-ħames pajjiżi fi ħdan il-Proġett u l-iżvilupp ta' kurrikuli ta' korsijiet komuni b'kontenut simili li jista' jintuża onlajn u integrat fl-Edukazzjoni u Taħriġ Vokazzjonali.

## SAFETY4EL: X'instab speċifikament f'kull pajjiż

Biex tilħaq elektrixin imħarreġ fil-pajjiżi msieħba f'dan il-Proġett, teħtieġ edukazzjoni formali. Is-sistema Ingliża tintuża bħala referenza u titqabbel mas-sistemi tal-pajjiżi l-oħra. Il-pajjiżi kollha huma rregolati b'xi standards Ewropej komuni u jista' jkollhom xi varjazzjonijiet nazzjonali.

Is-sors tal-istandards li huma rreferuti hu mfassal fuq id-Ds/hd 60364/IEC 60364. L-IEC 60364, Installazzjoni Elettrika għall-Bini, hu l-istandard internazzjonali tal-Kummissjoni Elettroteknika Internazzjonali. Dan l-istandard hu inizjattiva biex jarmonizza standards tal-wajering nazzjonali fi standard tal-IEC, u hu ppubblikat fl-Unjoni Ewropea minn CENELEC  bħala "HD 60364". L-aħħar verżjonijiet ta' ħafna regolamenti tal-wajering Ewropej (bħal BS 7671 fir-Renju Unit) jimxu id f'id mal-istruttura tal-IEC 60364, imma fihom xi żidiet li huma marbuta ma' prattiċi nazzjonali storiċi u li jippruvaw jissimplifikaw kif jitħaddmu fil-prattika u kif jiġu osservati bis-saħħa minn ħaddiema u spetturi tal-elettriku. Kodiċi nazzjonali u gwidi għal fuq sit huma maħsuba biex jilħqu l-għanijiet komuni tal-IEC 60364, u jipprovdu regoli b'mod li jħallu lok għal gwida ta' persuni li jinstallaw u jispezzjonaw sistemi elettriċi.

Hawn taħt issib ir-rapport individwali ta' kull pajjiż fil-lingwa nattiva tiegħek

***DENIMARKA:***

http://Safety4El.net/docs/DK%20Report%20on%20Safety%20Training%20and%20Tests.pdf

***MALTA:***

http://Safety4El.net/docs/MT%20Report%20on%20Safety%20Training%20and%20Tests.pdf

***SPANJA:***

http://Safety4El.net/docs/ES%20Report%20on%20Safety%20Training%20and%20Tests.pdf



The European Commission support for the production of this publication does not constitute an endorsement of the contents which reflects the views only of the authors, and the Commission cannot be held responsible for any use which may be made of the information contained therein.

***RENJU UNIT:***
http://Safety4El.net/docs/Report%20on%20Safety%20Training%20and%20Tests.pdf

***ĊIPRU:***
http://Safety4El.net/docs/GR%20Report%20on%20Safety%20Training%20and%20Tests.pdf

## Rakkomandazzjonijiet u Konkluzjonijiet

- ✓ Huwa aċċettat li r-regolamenti differenti għat-taħriġ u testijiet ta' elektrixins f'pajjiżi Ewropej joħloq għadd ta' xkiel għal mobilità u li jrid jitneħħa sabiex teħfief il-mobilità u tevita aċċidenti relatati max-xogħol. Hu meħtieġ standard Ewropew sabiex jitneħħa xkiel ta' mobilità u jevita aċċidenti tax-xogħol.

- ✓ Is-saħħa u s-sigurtà għandhom ikunu integrati fil-programmi ta' mobilità Ewropej u llinkjati ma' programmi nazzjonali. Sar progress f'għadd ta' Stati Membri biex jitjiebu s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, imma l-isfidi importanti jibqgħu hemm. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom jiżguraw investimenti xierqa fis-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ relatati ma' sigurtà. Barra dan, meħtieġa politika f'postha biex tipprovdi l-għodda ħalli tindirizza l-isfidi u l-perikli fis-settur.

- ✓ Waħda mill-ostakli għall-mobilità hi l-lingwa. Dan il-fattur jista' jkun li jżid ir-riskju li jinqalgħu aċċidenti u mard fuq il-post tax-xogħol. Jekk il-lingwa tal-pajjiż fejn wieħed imur ma tinftiehemx, jista' jkun hemm diffikultajiet biex jiġu osservati proċeduri jew twissijiet, u informazzjoni tista' tinftiehem ħażin. Dan hu l-għan li t-taħriġ u l-għarfien tal-proċeduri għandhom ikunu simili u li jinftiehmu malajr mill-istudenti u l-istaff. L-istudenti għandhom jitħarrġu f'attivitajiet fl-identifikazzjoni tal-perikli sabiex jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom u jiffamiljarizzaw lilhom innifishom ma' prattiċi ta' sigurtà.

- ✓ Hu essenzjali li tinħoloq kultura mifruxa mal-Ewropa dwar saħħa u sigurtà b'taħriġ regolari li jinkludi lil dawk kollha involuti, u għaldaqstant hu meħtieġ investiment biex jiddaħħlu s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol fil-programmi ta' edukazzjoni, xogħol, żvilupp ta' taħriġ u ħiliet. Dan jippromwovi kondizzjonijiet ta' saħħa u sigurtà aħjar għall-ħaddiema kollha kif ukoll ambjent dispost aħjar biex iwassal għal titjib fis-saħħa għal ħaddiema żgħar.

- ✓ L-importanza ta' mobilità sigura biex tagħti s-setgħa lil studenti u tippromwovi sigurtà fuq il-post tax-xogħol fl-istess ħin għandha tiġi kkonsidrata f'livell



The European Commission support for the production of this publication does not constitute an endorsement of the contents which reflects the views only of the authors, and the Commission cannot be held responsible for any use which may be made of the information contained therein.

Ewropew. Barra minn hekk, għandha tkun approvata l-importanza ta' komunikazzjoni ċara u effettiva fis-saħħa u s-sigurtà mifhuma u mifthiema mill-istudenti kollha.

- ✓ Hu meħtieġ metodu koerenti minn partijiet konċernati differenti: Istituzzjonijiet Ewropej, Gvernijiet, min iħaddem, Istituzzjonijiet ta' Taħriġ u Edukazzjoni Vokazzjonali u Teknika, u l-bqija. Prijorità ogħla għandha tingħata lis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol fi programmi ta' riċerka tal-Unjoni Ewropea.

- ✓ Li jkun provdut taħriġ minn wieħed għal ieħor, taħriġ fuq il-post tax-xogħol, taħdidiet dwar l-għodod użati, u demonstrazzjonijiet fuq il-lant tax-xogħol jista' jkun effettiv għal dak li huma kunċetti ta' saħħa, u għall-promozzjoni ta' prattiċi ta' xogħol tajbin.

- ✓ Hu wkoll importanti li jkun provdut taħriġ fis-saħħa u s-sigurtà mas-setturi kollha fl-industrija tal-kostruzzjoni.

Il-konsorzju tas-Sigurtà Aħjar għall-Elektrixins ikkonkluda li:

- Kull sena elektrixins tas-sengħa għandhom jgħaddu minn test tas-sigurtà simili għal dawk misjuba hawn: http://www.Safety4El.net/moodle/

- Kull sena elektrixins tas-sengħa għandhom jirċievu istruzzjonijiet dwar saħħa u sigurtà fuq il-lant tax-xogħol (onlajn jew b'kors formali)

- Apprendisti tal-elektrixins għandhom, fejn japplika, jitgħallmu dwar saħħa u sigurtà bħala parti integrata f'suġġetti / lezzjonijiet relevanti oħra.

- Apprendisti tal-elektrixins għandhom, qabel jibdew taħriġ marbut ma' xogħol fl-industrija, jgħaddu minn test ta' sigurtà simili għal dawk misjuba hawn: http://www.Safety4El.net/moodle/

Il-konsorzju tas-Sigurtà Aħjar għall-Elektrixins qiegħed jirrakkomanda li:

- Testijiet annwali għandhom ikunu identiċi fost l-Unjoni Ewropea u ċċertifikati mill-EC / EU-OSHA



The European Commission support for the production of this publication does not constitute an endorsement of the contents which reflects the views only of the authors, and the Commission cannot be held responsible for any use which may be made of the information contained therein.

- Il-kontenut tal-kors għal korsijiet annwali (formali jew onlajn) dwar sigurtà għandhom ikunu identiċi fost l-Unjoni Ewropea u ċċertifikati / approvati mill-EC / EU-OSHA

**Referenzi**

European Agency for Safety and Health at Work, 2009, OSH in the school curriculum: Requirements and activities in the EU Member States

European Agency for Safety and Health at Work, 2010, Mainstreaming occupational Safety and Health into university education

European Agency for Safety and Health at Work, 2018, National Strategies in the field of Occupational Safety and Health in the EU

International Labour Organization, 2018, Improving the Safety and Health of Young Workers

EU Strategic Framework on Health and Safety at Work 2014-2020 (https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:52014DC0332)



The European Commission support for the production of this publication does not constitute an endorsement of the contents which reflects the views only of the authors, and the Commission cannot be held responsible for any use which may be made of the information contained therein.